# REUNION 2015.

Eccellenza Mons Arcisqof Emeritus Pawl Premona, Reverendi concelebranti li inghaqaddtu fic-celebrazzjoni tal-quddiesa, Mistiednin distinti, Headmistress tal-Liceo, Ex-Studenti Membri u Hbieb u familjari tal-Association of Lyceum Past Students, naghtikhom merhba u nirringrazzjakhom tal-prezenza taghkhom ghawn f-din is-sala 'llum.

**Fl-14 ta Novembru 2015**, qieghdin naghmlu din ir-REUNION, ghal ex-Studenti tal-LICEO.

Ta' mhin forsi jirrifletti ftit, fuq il-veru sinifikat tal-kelma reunion....

Forsi wiehed jista jifhem u jsemmi:

1) Social Gathering ta' nies li baqaw jafu l-xulxin minn snin tal-iskola

2) Mghod, ta' kif nistaw ninghaqdu mill-gdid

3) Stat, ta' kif inhossuna meta nergaw insibu ruhna flimkien

4) Gemgha ta' hbieb, li minn zmien ghal zmien jiltaqaw wara li jkunu ilhom numru ta snin ma jaraw il-xulxin...

Ahna 'llum ghawn migbura, niftakru, li snin ilu konna nattendu gewwa din l-istess skola. Dan huwa esercizzju ta' nostalgija, li jgibilna memorji sabiex nifmu lill xulxin izjed minn qatt qabel.

**SCHOOL REUNIONS** jehduna lura fis-snin ta' 20/30 jew 50 sena w' izjed..

Snin, li ghaddew jigru minn fuq hajjitna, u li ma nsejniehom qatt, anzi, nifirhu mill-gdid meta ngeddu dawk il-memorji ta' snin sbieh, li qattajna fil-klassijiet tal-LICEO gewwa l-Hamrun u f'postijiet ohra ta' Malta.

Ghandi l-pjacir insemmi u nifrah lill-Headmistress gdida, li minn din is-sena qieghda tmexxi b'success dan il-LYCEUM. M/s. Portanier Mifsud hija l-ewwel Headmistress ( Mara), li 'llum tinsab bit-tmun f-idejha ta' skola, li ghal bosta snin kienet il-ghaxqa tal-gzejjer Maltin. Nifirhula lill-Headmistress u nixtieqhulha aktar u aktar success fit-tmexxija ta' dan il-Lyceum.

Nerga naccenna ghal kelma REUNION u nghid, li din hija okkazzjoni sabiex ahna ex-studenti tal-LICEO - hbieb tal-imghoddi, nergaw inkunu flimkien ha niftakru kemm konna ferhanin meta sirna nafu l-xulxin fil-klassijiet ta' bejn il-Prima u l-Qwinta tal-Lyceum..

Ghawn ser nistaqsi.......**GHALIEX DIN IX-XEWQA LI NERGAW NILTAQAW**!

a) forsi biex immorru lura fil-passat ta' hajjitna!

b) forsi, biex insewwu jew inzuru mill-gdid xi haga minn ta' tfulitna!

c) forsi, biex inkomplu fejn hallejna l-xulxin wara li spiccajna mill-LICEO !

d) forsi, ghax gewwa fina jezisti xi vojt ta' persuni jew oggetti mill-passat taghna, li nixtiequ nergaw inkunu qrib taghhom !

**IVA, dan kollu jingabar f-kelma wahda " REUNION** "

Ghalhekk l-ALPS torganizza kull sena xi forma ta ' Get Together ' sabiex inthom ex-studenti tal-LICEO, tergaw tiltaqaw w' iggeddu memorji zbieh minn passat, li zgur ma jista jintesa qatt.

**L-GHAQDA EX-STUDENTI TAL-LICEO ( ALPS**) iggib flimkien ex-studenti ta' kull eta' u tkompli tahdem sabiex dan l-isem sabieh tal-LYCEUM, jibqa jkun dejjem fil-qlub ta' dawk kolla li rcevew l-istudji taghhom gewwa dan il-LICEO.

Nawguralkhom sahha, paci u sliem fil-hajja taghkhom. Inharsu l-quddiem u jekk Alla jrid, niltaqaw ghal aktar attivitajiet li l-ALPS torganizza ghalikhom ma tul is-sena.

Grazzi Hafna...

**GEORGE STAGNO NAVARRA**

PRESIDENT - ALPS